# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Guramentat Numru : 20/2018/LSO**

**Aidan Lungaro - Mifsud (KI 0551878M) ghan-nom tal-minuri wliedu Elisa u George**

**vs**

1) **Direttur tar-Registru Pubbliku**
2) **Avukat Generali, u**
3) **b' digriet tal-20 ta' Frar 2018 giet kjamata fil-kawza Juliana Lungaro - Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Aidan Lungaro-Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 0551878M datat 9 ta’ Jannar 2018 fejn bil-gurament jikkonferma:

Illi r-rikorrent Aidan twieldet (*sic- twieled)* fil-15 ta' Novembru 1978, u gie registrat bl-isem u l-kunjom ta' "Aidan Lungaro - Mifsud", u dana kif jidher mill-att tat-twelid tieghu li kopja tieghu qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. ALM001, bin-numru progressiv 5518 tas-sena 1978.

Illi minn ckunitu r-rikorrent Aidan dejjem kien maghruf bil-kunjom "Lungaro - Mifsud", u dan il-kunjom intuza fil-konfront tieghu mhux biss mill-familjari tieghu izda anki minn konnoxxenti tieghu, u sahansitra intuza ghac-certifikati akkademici u sussegwentement ukoll fuq il-post tax-xoghol tieghu u dan kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok. ALM002, ALM003 u ALM004 rispettivament.

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza r-rikorrent Aidan kien u ghadu konsistentement rikonoxxut u maghruf bil-kunjom "Lungaro - Mifsud" u mhux il-kunjom minghajr is-sing, cioe` "Lungaro Mifsud", u ghaldaqstant qed jintavolaw dawn il-proceduri *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrent Aidan izzewweg u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, cioe` Elisa, George u Anthony.

Illi l-ewwel zewg ulied cioe` Elisa, li twieldet fit-13 ta' Jannar 2012 (kopja tac-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv 355 tas-sena 2012 anness u mmarkat bhala Dok. ALM 005) u George, li twieled fit-8 ta' Novembru 2013 (kopja tac-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv 5421 tas-sena 2013 anness u mmarkat bhala Dok. ALM 006) gew registrati bil-kunjom "Lungaro Mifsud" u mhux bil-kunjom bis-sing cioe` mhux "Lungaro - Mifsud", filwaqt illi fil-kaz tat-tielet tarbija Anthony, li twieled fis-7 ta' Novembru 2017 (kopja tac-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv 6871 tas-sena 2017 anness u mmarkat bhala Dok. ALM 007) gie registrat bil-kunjom "Lungaro - Mifsud".

Illi r-rikorrent Aidan huwa maghruf bil-kunjom "Lungaro - Mifsud", u dan kif jirrizulta mill-atti kollha tal-hajja civili, inkluz il-karta tal-identita`, l-passaport, kif ukoll minn f' dokumenti ufficjali u atti pubblici ohra (kopji nnessi u mmarkati bhal Dok ALM 008, ALM 009, ALM 010 u ALM 111 rispettivament).

Illi r-rikorrenti jixtiequ jirregolaw il-pozizzjoni taghhom u jeffettwaw it-tibdil necessarju sabiex il-familja kollha tkun rikonoxxuta bl-istess kunjom u cioe` "Lungaro - Mifsud", u ghalhekk jigi inkluz is-sing fil-kunjom sabiex b'hekk l-atti ufficjali kollha taghhom jirriflettu l-kunjom li bih huma maghrufa.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din L-Onorabbli Qorti joghgobha illi:

1. Jigi dikjarat illi r-rikorrenti konsistentement kienu u ghadhom jissejhu bil-kunjom "Lungaro - Mifsud";

2. Tordna illi *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, isir tibdil fl-att tat-twelid tar-rikorrenti Elisa (bin-numru progressiv 355 tas-sena 2012) u George (bin-numru progressiv 5421 tas-sena 2013) rispettivament, fis-sens illi dawn jigu registrati bil-kunjom bis-sing bejn Lungaro u Mifsud, cioe` "Lungaro - Mifsud" minflok "Lungaro Mifsud";

3. Tordna illi *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta it-tibdil effettwat fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti bl-isem Elisa (bin-numru progressiv 355 tas-sena 2012) u bl-isem George (bin-numru progressiv 5421 tas-sena 2013) rispettivament, jigu riflessi fl-atti mmsemija u fid-dokumenti ufficjali relattivi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta’ Frar 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-Avukat Generali datata 14 ta’ Frar 2018 (fol 42) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in

rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi *in linea* preliminari, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u dan *ai termini* tal-Artikolu 181 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess u fil-mertu, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi *stante* t-talba kif dedotta tirrigwarda proprju korrezzjoni fil-kunjom, tajjeb li jkun sottolinejat illi Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f' kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

5. Illi rigward il-premessi tar-rikorrenti fir-rikors guramentat tieghu, l-esponenti tibda sabiex tixhet dawl fuq is-segwenti osservazzjonijiet:

a. Illi fl-Att tat-Twelid ta' Elisa Lungaro Mifsud, bin-numru progressiv 355 tas-sena 2012, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', jidher illi:

(i) Isem u kunjom missier ir-rikorrenti gew mnizzla bhala 'Aidan **LUNGARO MIFSUD',**

(ii) Isem u kunjom omm ir-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Juliana **LUNGARO MIFSUD** nee' Cassar, wife of the said Aidan **LUNGARO MIFSUD',** u,

(iii) Isem u kunjom in-nannu tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Ambrose **LUNGARO MIFSUD'.**

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi s-Sur Aidan Lungaro Mifsud kien id-dikjarant tal-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni;

b. Illi fl-Att tat-Twelid ta' George Lungaro Mifsud, bin-numru progressiv 5421 tas-sena 2013, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2', jidher illi:

(i) Isem u kunjom missier ir-rikorrent gew mnizzla bhala 'Aidan **LUNGARO MIFSUD',**

(ii) Isem u kunjom omm ir-rikorrent gew imnizzla bhala 'Juliana **LUNGARO MIFSUD** nee' Cassar, wife of the said Aidan **LUNGARO MIFSUD',** u,

(iii) Isem u kunjom in-nannu tar-rikorrent gew imnizzla bhala 'Ambrose **LUNGARO MIFSUD'.**

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi s-Sur Aidan Lungaro Mifsud kien id-dikjarant tal-informazzjoni

kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni;

c. Illi fl-Att tat-Twelid ta' Anthony Lungaro-Mifsud, bin-numru progressiv 6871 tas-sena 2017, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3', jidher illi:
(i) Isem u kunjom missier Anthony gew mnizzla bhala 'Aidan **LUNGARO-MIFSUD',**
(ii) Isem u kunjom omm Anthony gew imnizzla bhala 'Juliana **LUNGARO MIFSUD** nee' Cassar, spouse of said Aidan **LUNGARO-MIFSUD',**
(iii) Isem u kunjom in-nannu ta' Anthony gew imnizzla bhala 'Ambrose **LUNGARO-MIFSUD', u,**
(iv) Isem u kunjom in-nanna ta' Anthony gew imnizzla bhala 'Helen **LUNGARO-MIFSUD** nee' Rossignaud'.

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi s-Sur Aidan Lungaro Mifsud kien id-dikjarant tal-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid ta' Anthony Lungaro-Mifsud, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni;

d. Illi fl-Att tat-Twelid ta' Aidan Lungaro-Mifsud, u cioe' missier ir-rikorrenti, bin-numru progressiv 5518 tas-sena 1978, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', jidher illi:
(i) Isem u kunjom in-nannu tar-rikorrenti gew mnizzla bhala 'Ambrose **LUNGARO-MIFSUD',**
(ii) Isem u kunjom in-nanna tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Helen wife of the said Ambrose **LUNGARO-MIFSUD'**, u,

(iii) Isem u kunjom in-nannu tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Emmanuel **LUNGARO-MIFSUD'.**

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi s-Sur Ambrose Lungaro-Mifsud kien id-dikjarant tal-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid ta' Aidan Lungaro-Mifsud, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni;

e. Illi fl-Att tat-Twelid ta' Ambrose Lungaro-Mifsud, u cioe' in-nannu tar-rikorrenti, bin-numru progressiv 9421 tas-sena 1946, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 5', jidher illi:

(i) Isem u kunjom il-buznannu tar-rikorrenti gew mnizzla bhala 'Emmanuel **LUNGARO MIFSUD', u**

(iv) Isem u kunjom il-buznanna tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Louise wife of the said Emmanuel **LUNGARO MIFSUD'.**

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi s-Sur Emmanuel Lungaro Mifsud kien id-dikjarant tal-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid ta' Ambrose Lungaro-Mifsud, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni;

f. Illi fl-Att tat-Twelid ta' Emmanuel Ungaro, u cioe' l-buznannu tar-rikorrenti, bin-numru progressiv 4457 tas-sena 1921, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 6', jidher illi:

(i) Isem u kunjom il-buzbuznannu tar-rikorrenti gew mnizzla bhala 'Lorenzo **UNGARO',** u

(ii) Isem u kunjom il-buzbuznanna tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Antonia moglie del detto Lorenzo **UNGARO** (kunjom xbubitha Mifsud)'.

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi s-Sinjura Giuseppa Mifsud kienet id-dikjaranta tal-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid ta' Emmanuele Ungaro, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni.

Illi fl-Att tat-Twelid ta' Lorenzo Longaro, u cioe' il-buzbuznannu tar-rikorrenti, bin-numru progressiv 1477 tas-sena 1881, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 7', jidher illi:

(i) Isem u kunjom il-buzbuzbuznannu tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Giuseppe **LONGARO'.**

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi s-Sur Giuseppe Longaro kien id-dikjarant tal-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid ta' Lorenzo Longaro, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni;

6. Illi ghaldaqstant mis-suespost jidher car li kunjom ir-rikorrenti, fil-verita' ghandu jkun dak ta' **'LONGARO'** u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid ta-buzbuznannu tar-rikorrenti. Minkejja dan, matul iz-zmien tali kunjom gie varjat ghal **'UNGARO'** u sussegwentament ghal **'LUNGARO'.** Jidher ukoll illi kien proprju l-buznannu tar-rikorrenti u cioe' Emmanuel Lungaro, li ghazel illi ma' kunjom missieru jzid kunjom xbubit ommu 'Mifsud', u b'hekk minn dak iz-zmien

'il quddiem beda jintuza u jintiret il-kunjom **'LUNGARO MIFSUD';**

7. Illi l-esponenti tissottometti illi *stante* s-suespost, id-Direttur konvenut ma ghandux jinzamm responsabbli ghal proceduri istanti galadarba ma jirrizulta ebda nuqqas da parti d-Direttur konvenut u dan ghaliex kien Aidan Lungaro-Mifsud stess li ddikjara u kkonferma permezz tal-firma tieghu, l-informazzjoni inserita fl-Att tat-Twelid ta' bintu Elisa, li jgib in-numru progressiv ta' 355 tas-sena 2012, u dak ta' ibnu George, li jgib in-numru progressiv ta' 5421 tas-sena 2013;

8. Illi ghalaqstant, fil-mertu l-esponenti ser tirrimmetti ruhha ghall-ghaqli u savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba kif dedotta;

9. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 20 ta' Frar 2018 (fol 54) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Natalino De Brincat

ghall-attur prezenti. Deher Dr Antoine Agius Bonnici li qed jassocja ruhu fil-patrocinju tad-Direttur intimat. Dehret ukoll Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. *In visto* tal-ewwel eccezzjoni Dr De Brincat irtira l-kawza fil-konfront tal-Avukat Generali. Il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Juliana Lungaro-Mifsud. Il-kawza giet differita ghall-kjamata fil-kawza ta' Juliana Lungaro-Mifsud u ghall-gheluq tal-provi tar-rikorrent ghall-10 ta' April 2018fid-9:30a.m.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamata in kawza Juliana Lungaro - Mifsud detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 0284678M datata 7 ta' Marzu 2018 a fol 55 tal-process fejn bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat:

llli b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Frar 2018 l-esponenti giet kjamata *in kawza,* u dana minhabba l-integrita` tal-gudizzju;

Illi minkejja illi l-esponenti ghadha ma gietx ufficjalment notifikata bl-atti tal-kawza, ghal kull buon fini hija qed taghti ruhha b'notifikat bl-istess u ghalhekk qed tipprezenta r-risposta *de quo;*

Illi l-esponenti taqbel ma' dak premess mir-ragel taghha fir-rikors guramentat intavolat minnu fid-9 ta' Jannar 2018 f'isem it-tfal minuri taghhom Elisa u George, u taqbel ukoll ma' dak illi qieghed jintalab minn din l-Onorabbli Qorti minn zewgha fil-kwalita` premessa.

Ghaldaqstant ghal kull buon fini l-esponenti tiddikjara illi hija m'ghandha ebda oppozizzjoni ghal dak mitlub mir-ragel taghha fil-kwalija` tieghu premessa fir-rikors guramentat mertu tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 10 ta' April 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Caruana de Brincat ghall-attur u ghall-kjamata in kawza, li ddikjara li m'ghandux provi ohra. Dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat, li ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri xi tressaq. Id-difensuri talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2018 fid-9: 30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta’ Malta saret debitament fil-11 ta’ Jannar 2018 (fol 40-41) u b’hekk it-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent qed jitlob li jigi dikjarat li huwa kien konsistentment imsejjah u maghruf bil-kunjom “Lungaro - Mifsud”, u sabiex isiru t-tbdiliet u annotazzjonijiet fl-att tat-

twelid tar-rikorrenti Elisa u George, uliedu minuri, fis-sens, li l-kunjom kif registrat fl-att tat-twelid taghhom ikun “Lungaro - Mifsud” bis-sing.

Illi fil-mertu r-rikorrent irid jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien u huwa maghruf konsistentement bil-kunjom “Lungaro-Mifsud”. Ghal dan il-ghan, esebixxa, kopja tal-att tat-twelid tieghu, anness mar-rikors promotur bhala Dok ALM001, u certifikat akkademiku Dok ALM002, kopja tal-*warrant* tieghu ta’ awditur, Dok ALM003, u dokument mahrug mir-Registratur tal-kumpaniji Dok ALM004, kopja tal-karta ta’ l-identita` tieghu, Dok ALM008, kopja tal-licenzja tas-sewqan Dok ALM009, kopja tal-passaport tieghu Dok ALM010, u kopja ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar John Gambin, Dok ALM11, fejn f’dawn id-dokumenti huwa indikat bil-kunjom “Lungaro - Mifsud”. Gie esebit ukoll, l-att tat-twelid ta’ ibnu Anthony fejn f’dak l-att tat-twelid isem il-missier huwa mnizzel bhala “Lungaro - Mifsud.”

Inoltre`, fl-affidavit tieghu r-rikorrent a fol 5 tal-process, fejn ikkonferma li hu minn dejjem kien jikteb kunjomu bis-sing “Lungaro - Mifsud”, kif hemm indikat il-kunjom ta’ missieru fl-istess att tat-twelid tieghu, u anke missieru kien dejjem jikteb kunjomu bhala “Lungaro - Mifsud.” Semma li hemm anomalija fis-sens li l-uliedu minuri George u Elisa huma indikati fl-att tat-twelid taghhom, bhala “Lungaro Mifsud” minghajr is-sing, u dan huwa rifless ukoll fil-passaport, li kopji taghhom huma esebiti a fol 30 u 31.

Juliana Lungaro Mifsud, mart ir-rikorrent, xehdet permezz ta' affidavit, u kkonfermat li minn meta zzewget hija kienet tiffirma bhala "Lungaro - Mifsud" bis-sing. Spjegat, li l-ewwel zewgt ulied li twieldu, kienu rregistrati bhala "Lungaro Mifsud", filwaqt li t-tielet tarbija kien registrat korrettement bhala "Lungaro - Mifsud".

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Referibbilment ghar-raba' eccezzjoni, huwa minnu li l-artikolu 253 jaghti lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet mhux kunjomijiet. Izda, hawnhekk, li qed jintalab huwa li jigi dikjarat, li r-rikorrent huwa maghruf bil-kunjom "Lungaro-Mifsud" kif *del resto*, huwa indikat fl-att tat-twelid tieghu, u kif inhu indikat missieru fl-istess att tat-twelid tar-rikorrent Aidan. Inoltre`, dak mitlub fir-rikors odjern, rigward l-ulied minuri Elisa u George, huwa li jigi korrett zball u mhux li jinbidel il-kunjom tal-minuri.

Illi din il-Qorti ma tistax tinjora l-interessi tal-minuri li huma supremi, specjalment meta mhumiex jigu infranti regoli *stante*, li jirrizulta li l-kunjom tan-nannu patern, u cioe` missier Aidan kien "Lungaro - Mifsud". *Di piu*`, jirrizulta, mill-istess, risposta tad-Direttur intimat, proprju fis-sitt eccezzjoni, li kien il-buznannu patern tal-intimat u cioe` Emanuel Lungaro li beda juza wkoll kunjom xbubit ommu 'Mifsud', b'hekk, beda jintuza l-kunjom "Lungaro - Mifsud".

Ghalhekk, fil-kaz, in ezami, dak mitlub ma jmurx kontra l-ordinament guridiku taghna li hija postulata fuq it-trasmissjoni tal-kunjom tal-missier ghal wild legittimi kif maghrufa. Fid-dawl tas-suespsot, m'hemmx lok, li tibqa' s-sitwazzjoni anomala, fejn iz-zewg ulied tar-rikorrent, George u Elisa, jibqghu indikati bil-kunjom "Lungaro Mifsud" minghajr sing, meta huhom Anthony huwa indikat fl-att tat-twelid tieghu bhala "Lungaro - Mifsud" bis-sing.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ser takkolji t-talbiet tar-rikorrent. Izda, taqbel ma' l-intimat li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid tal-minuri Elisa u George, peress li d-dikjarazzjonijiet huma esebiti mill-intimat u jinsabu ffirmati mill-istess rikorrent. Ghalhekk, l-ispejjez ghandhom jigi sopportati mill-istess rikorrent.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent kien u ghadu konsistentement jissejjah bil-kunjom "Lungaro - Mifsud".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi jsir tibdil fl-att tat-twelid ta' ulied ir-rikorrent Elisa, bin-numru progressiv 355 tas-sena 2012, u George, bin-numru progressiv 5421 tas-sena 2013, rispettivament, fis-sens illi dawn jigu registrati bil-

kunjom bis-sing bejn Lungaro u Mifsud, cioe` "Lungaro - Mifsud" minflok "Lungaro Mifsud".

3. Konsegwentement tilqa' it-tielet talba u tordna illi it-tibdil effettwat fl-atti tat-twelid ta' ulied ir-rikorrent Elisa, bin-numru progressiv 355 tas-sena 2012, u George, bin-numru progressiv 5421 tas-sena 2013, rispettivament, jigu riflessi fl-atti msemija;

Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' April 2018**